# ĦAL LUQA

Jien bħala Ħal Luqi nixtieq mill ftit spazju li għandi f'dan il-ktejjeb, nagħti xi informazzjoni dwar Ħal Luqa li fl-4 ta' Lulju ta' din is-sena sejra tiġi ċċelebrata l-festa tal-patrun tagħna, Sant'Andrija.

Ħal Luqa huwa raħal tipiku Malti bħal kull raħal irħor; huwa mibni fuq art fl-għoli b'firxa t'għamla ċatta (pjanura). naħseb li l-isem ta' Ħal Luqa ġej minnwaħda minn dawn it-tliet raġunijiet: 1) mill-isem tas-siġar tal-Luq; 2) mill-isem ta' San Luqa li ġie Malta ma' San Pawl; u 3) mill-kelma Ħalaq li tfisser witja. Ma nafux eżatt liema hi r-raġuni li minnha ġie l-isem ta' Ħal Luqa.

Ħal Luqa sar parroċċa fl-4 ta' Marzu, 1632. F'Ħal Luqa nsibu wkoll tliet kappelli żgħar: Santa Marija tal-Ftajjar, il-Vitorja u San Ġakbu. Kien hawn kappella oħra tal-Madonna tal-Karmelu iżda din twaqqgħet fl-1942 billi riedu jkabbru l-ajrudrom. fl-1968 inbniet il-kappella ta' l-ajruport mill-Ingliżi.

F'Ħal Luqa hawn madwar 6,000 ruħ u l-arja tar-raħal hi madwar 28 kilometru. Ħal Luqa jinsab 5 km 'l bogħod mill-Belt Valletta. Peress li fl-antik f'Ħal Luqa kien hawn ħafna sajjieda, l-Appostlu Sant'Andrija ġie magħżul li jkun il-Patrun tar-Raħal. L-arma ta' Ħal Luqa hi salib ta' Sant'Andrija aħmar fuq sfond tal-fidda u l-motto tar-raħal hu "Inħares Lejn il-Baħar".

F'dan ir-raħal instabu wkoll fdalijiet tal-qedem bħal oqbra ta' żmien il-Bronż, fdal ta' żmien il-Ħaġar bħal xi fuħħar, qabar ta' żmien il-Feniċi u oqbra ta' żmien ir-Rumani. Il-Knisja ta' Ħal Luqa għall-ewwel kienet daqsxejn ta' kappella b'erba' ħnejjiet. Meta Ħal Luqa nqatgħet minn ma' Bir Miftuħ (Il-Gudja), il-knisja bnewha mill-ġdid. Il-knisja waqgħet fl-aħħar gwerra dinjija fid-9 t'April, 1942 fejn ukoll insibu triq ġewwa Ħal Luqa msemmija għal din id-data. Bl-għajnuna ta' l-istess nies tar-raħal, il-knisja reġgħet inbniet u ġiet konsagrata fis-26 ta' Settembru 1962. Il-kwadru titulari li hemm fil-knisja tpinġa mill-bravu Mattia Preti.

F'dan ir-raħal insibu wkoll żewġ każini tal-baned, tnejn tal-politika, każin tal-futboll, ieħor tal-kaċċaturi u ieħor tal-boċċi. Hawn ukoll skola primarja tal-gvern, berġa tal-gvern, MUSEUM tas-subjien u duttrina tal-bniet. L-ajruport tlesta fl-1940 u l-mitjar il-ġdid (runway) infetaħ fl-1977 li llum ġie jmiss ma' l-ajruport il-ġdid permezz tiegħu Ħal Luqa rat ħafna nies prominenti bħal George Bush, Mikhail Gorbachev, ir-Reġina Eliżabetta u l-Q.T. il-Papa.

Naħseb li b'din l-informazzjoni fuq Ħal Luqa wieħed ikun jista' jieħu xi ftit itneress fuq raħal twelidna — Ħal Luqa.

**Alfred Calleja**